# L-iskultura fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa

James Aquilina (B.Com)

Fl-1952 ir-rikostruzzjoni tal-knisja parrokkjali kienet waslet fis-stadju avanzat ferm.[I] Mil-lat intern kien fadal ferm xi jsir, ewlieni fost l-oħrajn kien hemm ix-xogħol ta' skultura, irħam u żebgħa. Fir-rigward tal-iskultura, il-maġġoranza tax-xogħol tal-iskultura sar mill-iskulturi Agius u l-kuntrattur Marco Montebello[II], filwaqt li l-iskultur Ħalluqi Ninu Said ta' ukoll s-sehem tiegħu f'dan il-proġett.[II]



*Ritratt tal-knisja ftit wara r-rikostruzzjoni bil-faċċata kif kienet qabel l-gwerra.*

**L-iskulturi Agius**

Ġużeppi Agius hu wieħed mill-iskulturi li flimkien maz-ziju tiegħu Toni Agius ħadem parti sostanzjali mill-iskultura li nsibu fil-knisja parrokkjali. Ġużeppi twieled fil-5 ta' Frar 1931 ġewwa l-Birgu, iżda ftit wara kellu jitlaq minn hemm minħabba l-attakki tal-gwerra. Orġinarjament, Toni Agius kien jaħdem bħala mastrudaxxa iżda minħabba nuqqas ta' xogħol kellu jabbanduna din is-sengħa u jaqleb fuq ix-xogħol tal-ġebel. Eventwalment anke Ġużeppi ħa l-istess triq ta' zijuh. Huma kienu jaħdmu dan ix-xogħol fis-Siġġiewi.

Waqt intervista li saret ftit tax-xhur ilu, Ġużeppi qalilna li kemm hu kif ukoll zijuh ġew imqabbda jibdew bl-iskultura tal-koppla. Il-parti l-kbira tal-iskultura tal-koppla tnaqqxet fil-ġebla, iżda Ġużeppi jiftakar lil zijuh iwaħħal xi partijiet b'disinn maħduma fil-ġibs. Ta' min jgħid li dan kien ikkonfermat waqt li kien għaddej ix-xogħol tar-restawr tal-koppla. Meta tqaxxret iż-żebgħa



*L-iskultur Ġużeppi Agius li ħadem partijiet mill-iskultura tal-koppla (taħt)*



għal paġna 9

**Doreen tal-Ħaxix**
**Għall-Frott u Ħaxix Bnin**
Mob: 79710926

**Pet Mania**
For all kind of Pets & Pet Food
Aquarium & Fishing Equipment
Fishing Live Baits, Live Stock
Gardening Equipment & Accessories
Mob: 99823363
208, New Street, Luqa

**Cheveux Classiques**
By Ottilia
New Street, Luqa
TEL: 21 820487
Monday to Friday 9.00 - 18.00
Saturday 8.00 - 17.00

**Ta' Matti**
Għal kull prodott ta' ġwież, bexx, sulfat, demel artifiċjali u prodotti agrikoli ta' l-aqwa kwalita', irrikorru għand:
Alex Azzopardi
Gudja Road
Luqa
Tel: 21809348 - 21663593 - 79710498

# L-iskultura fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa

*minn paġna 8*



*Ritratt li juri x-xogħol fejn l-iskultura tal-apsidi ta' fuq l-altari kienet għadha ma saritx*



*L-iskultur Ħalluqi Ninu Said*



*Tieqa kif oriġinarjament saret minn Ninu Said (fuq) u kif hi fil-preżent (taħt) wara li nbidlet l-iskultura tal-mazzettun ta' taħt il-ħoġor tat-tieqa.*



kollha nstab li d-disinn li hemm bil-fjuri mal-pilastri tal-koppla huma fil-ġibs kif ukoll fjuri żgħar oħra li hemm aktar 'l-isfel mal-istess pilastri. Apparti dawn, l-iskultura kollha hi mqattgħa fil-ġebel.
Ix-xogħol ta' din l-iskultura kien sar kollu fil-knisja. Waqt l-intervista Ġużeppi qalilna li l-gwarniċun tal-knisja kien sar kollu minnhom. Irrakkonta wkoll kif il-kaptelli tal-faċċata tal-knisja u l-iskultura ta' madwar l-arloġġi tal-knisja tnaqqxet kollha minn id Ġużeppi.

Agius ma naqasx li jsemmi ġrajja li bi ftit ma spiċċatx diżgrazzja. Darba fost l-oħrajn waqt kien qiegħed jagħmel xi xogħol fuq l-armar, bi ftit ma żelaqx għal isfel, peress li għamel riġlejh f'pożizzjoni ħażina. Hu jiftakar ukoll inċident ieħor li kien seħħ f'Ħal Luqa waqt li kienu jaħdmu fil-knisja. Dan kien meta fit-30 ta' Diċembru 1952, ajruplan ta' tip Avro Lanchester kien waqa' fuq dar fi Triq il-Ġdida eżattament fejn llum hemm Ċentru tal-Anzjani.[iii]

Wara tliet snin ta' ħidma fil-knisja parrokkjali, ix-xogħol tal-iskultura kien tlesta. Ftit wara Agius kien ġie inkarigat b'xogħlijiet oħra fil-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt. Hu ħadem ukoll fil-knejjes tas-Siġġiewi, tat-Trinità fil-Marsa, ta' Sant'Agata fir-Rabat u f'dik ta' Ħaż-Żebbuġ.

**L-Iskultur Ninu Said**
Anthony Said, magħruf aħjar bħala Ninu Said, kien ukoll involut fl-iskultura tal-knisja ta' Ħal Luqa. Hu twieled fl-1918 u fl-1944 iżżewweġ lil Maria Dolores u kellhom sitt itfal. F'intervista li għamilt ma' Joe u Andrew Said, qaluli li missierhom kien naqqax l-iskultura ta' l-ewwel twieqi ta' maġenb il-gallarija tal-orgni. Kif qalilna ibnu Joe, missieru kien ippreparat sew biex jiskolpi t-twieqi kollha tal-knisja. Iżda waqt intervista li għamilt ma' Anthony Muscat dan qalli li hu u ħuh kienu skolpew it-tieni tieqa pariġġ dik li kien għamel Ninu Said wara li tqabbdu jagħmlu l-kum-plament t-twieqi tal-kursija.[iv]

*għal paġna 10*

**EuroTours**
Triq Mountbatten, Ħamrun
**Dak li jwegħduk jagħtuk**
Pakketti sħaħ ta' ġiti għal diversi destinazzjonijiet mingħajr ebda prezzijiet moħbija
Kuljum bejn it-8.30 a.m. sas-6 p.m., Is-Sibt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar
Tel: 2122 3295 - 2596 5555
www.eurotours.com.mt

**Anilex**
**Bargain Shop**
**Triq tal-Ħabaq - Luqa**
**Bargain Items**
**Lm1 items & 3 for Lm1 items**
**Detergents and much more**
**Tel: 2166 1336**

# L-isklutura fil-knisja parrokkjali

minn paġna 9

**L-Iskulturi Muscat**
Fl-arkivju tal-Knisja Parrokkjali Ħal Luqa, nsibu notamenti ta' ħlasijiet għal xogħol ta' skultura lil kuntrattur Marco Montebello. Għalkemm il-ħlasijiet saru lil Montebello, ix-xogħol tal-iskultura tat-twieqi li hemm fil-kursija, bl-eċċezzjoni għal dik li għamel Ninu Said, u l-kappelluni sar kollu mill-iskulturi Salvu u Anthony Muscat, neputijiet ta' Montebello.

Kif spjegali Anthony Muscat, Marco Montebello kien iddelega dan ix-xogħol lin-neputi tiegħu Salvu Muscat biex jagħtih l-opportunità jibda jaħdem dan ix-xogħol billi hu kellu ħafna xogħol f'dak iż-żmien. Anthony Muscat, li kien beda jagħmel xogħol simili minn età żgħira, spiċċa jgħin lill ħuh Salvu wkoll. L-aħwa Muscat naqqxu flimkien it-twieqi tal-kursija. Meta x-xogħol wasal fil-kappelluni, Salvu Muscat naqqax t-twieqi ta' kappellun minnhom u Anthony



*Anthony Muscat li għamel l-iskultura ta' wħud mit-twieqi flimkien ma' ħuh Salvu u l-ħlas lil Marco Montebello fil-kotba tal-knisja (taħt)*





*Tieqa tal-kursija mnaqqxa minn Anthony Muscat u ħuh Salvu*

naqqax t-twieqi tal-kappellun l-ieħor. Sal-lum wieħed jista' jidentifika d-differenzi bejn l-iskultura tat-twieqi tal-kor, it-twieqi tal-kursija u l-aħħar tnejn ta' ħdejn l-orgni. L-iskultura li laħaq għamel Said ma tneħħietx u prattikament għadha hekk sal-preżent. Id-differenzi mit-twieqi l-oħra jidhru ċar speċjalment il-mazzettun, il-mensoli u l-iskudett ta' fuq t-tieqa. L-unika skultura li nbidlet minn dak li kien għamel Ninu Said f'dawn iż-żewġ twieqi kienet il-parti fejn hemm il-mazzettun. Kif qalilna ibnu Joe, tnaqqxet skultura ġdida mill-mazzettun li kien hemm biex hekk ġiet taqbel mal-iskultura tal-kumplament tat-twieqi.

Ta' min jgħid ukoll li l-kumplament tat-twieqi l-oħra ma sarux eżatt bħat-tnejn li x'aktarx Montebello ħadem ġewwa l-kor u ħadd ma jaf eżatt x'kienet ir-raġuni għal dan.V

**Differenzi bejn it-twieqi ta' Muscat u ta' Said**
Id-differenzi notevoli jirrigwardaw il-mensoli. Dawk imnaqqxa minn Said jispiċċaw bi kwadrant filwaqt li l-oħrajn għandhom element iktar tradizzjonali peress li jispiċċaw fit-tond (*Irreferi għall-istampi paġna 11*). Fir-rigward tal-iskudett ninnutaw kif ta' Muscat hu tawwali filwaqt dak skolpit minn Said huwa wiesa' iktar u inqas tawwali. Il-ġnub



*L-skudett li għamlu l-iskulturi Muscat (fuq) u l-iskudett ta' Said fit-twieqi ta' ħdejn il-gallarija tal-orgni (taħt)*



*għal paġna 11*

Muxi
Adult's & Children's Clothing, Underwear & Accessories
Ġużeppi Ellul Street, Luqa
Tel: 2189 1790

Phone Booth
Mob: 79920681
For all types of mobile phones
Hi-Fi @ DVD players/Surrounds
Repairs in 24 hour time
PlayStation 3/PSP
CD/MP4 Players
Digital Cameras and TVs
Mon-Sat: 9am -12pm + 4pm - 7pm
In Front of Luqa Primary School

# L-iskultura fil-Knisja Parrokkjali

minn paġna 9



*Il-mensola mnaqqxa minn Muscat (xellug) u dik ta' Ninu Said (lemin)*

tal-iskudetti ta' Muscat huma mżewqa bi skroll fuq kull ġenb. Tajjeb li nirrimarkaw kif it-twieqi tal-kor huma mżewqa b'iktar dekorazzjoni b'mod differenti speċjalment fil-parti ta' taħt tat-tieqa.

Meta naraw dan kollu, ninnutaw kif kull ġebla għandha l-istorja tagħha xi tgħid! F'ħarsa llum lejn dak li wettqu dawn l-iskulturi naraw kemm ta' bilħaqq ix-xogħol li għamlu l-iskulturi Agius, Muscat u Said għamel unur kbir lilhom u llum, 55 sena wara, l-iskultura li welldu mill-ġebla Maltija, saret monument artistiku li jpaxxi l-ġenerazzjonijiet kemm dawk preżenti u lil dawk li għad iridu jiġu.

**Ringrazzjamenti:**

- Lil Silvio Pace u Fr. David Farrugia li għamlu l-intervista ma' Ġużeppi Agius possibbli.
- Lil-aħwa Joe u Andrew Said li għaddewli informazzjoni u ritratti li kelli bżonn għal dan l-artiklu.
- Lil Joseph Grima li għamel l-intervista ma' Anthony Muscat possibbli.
- Lil Mons. Innoċenz Borg tal-informazzjoni li għaddieli.

*L-intervista ma' Ġużeppi Agius saret fl-Isptar Mater Dei fil-5 ta' April 2010 fit-7:45pm. Sfortunatament Ġużeppi Agius miet il-Ħadd 30 ta' Mejju 2010.*

*L-intervista ma' Joe u Andrew Said saret fil-25 ta' Mejju 2010 fis-7:15pm.*

*L-intervista ma' Anthony Muscat saret fit-8 ta' Ġunju 2010 fil-5:30pm*

**Riferenzi:**

[i] Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha, pg. 310, Dun Ġużepp Micallef
[ii] Il-kuntrattur Montebello iddelega x-xogħol tat-twieqi lil aħwa Salvu u Anthony Muscat
[iii] http://www.aviationinmalta.com/MilitaryAviation/AccidentsMilitary/19501959/tabid/495/language/en-US/Default.aspx
[iv] Testimonjanzi verabli ta' Anthony Muscat
[v] Preżentament hu maħsub li t-twieqi tal-Kor aktarx li saru minn Marco Montebello qabel għadda x-xogħol lin-neputi tiegħu Salvu Muscat.

**France Borg**
**Funeral Services**
**Director**

Gudja Road - Luqa

**Mob: 9949 0161**

**TELSTAR BUTCHER**

Best Quality at Great Prices!

***Clayton Psaila***
***Sebastian Saliba Str***
***Luqa***

***Tel: 2189 7927***
***Mob: 7920 2630***

telstarbutcher@yahoo.com

**G. DARMANIN**
**Service Station**
**Valletta Road**
**Luqa**




**Tel: 21667109**

**B&G**
**HARDWARE STORE**

St. Thomas Street - Luqa

Free Delivery Service

**Tel/Fax: 2167 5362**
**Mob: 9987 4609 - 9987 1859**
**emai: bandg@onvol.net**